Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri – Ghawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Illum, il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017.

Appell numru: 9/2016

**John De Giorgio**

**Vs**

**Joseph Grech – GDA Sales & Services**

**Il-Qorti;**

1. Il-konvenut appella minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur tal-11 ta' Novembru, 2016 li kkundannatu, *"... li tibdel it-tank installat ma' iehor li jahdem biz-zejt kif kien originarjament pattwit bejn il-partijiet. Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata"*.

2. L-aggravji tal-konvenut huma:

    i. In-nullita' tas-sentenza ghaliex id-decide ma tirriflettix il-kawzali tal-avviz promotur;
    ii. It-talba tal-attrici hi perenta skont l-artikolu 1407(1) tal-Kodici Civili u l-artikoli 79(1) u 78 tal-Kap. 378.
    iii. L-attur naqas milli jaghti prova li tissodisfa l-kriterji kollha sabiex titlob riparazzjoni u/jew bdil taht il-garanzija.

3. L-attur wiegeb li l-appell ghandu jigi michud.

4. **<u>Fatti.</u>**

    i. L-attur xtara *solar water heater* minghand il-konvenut.
    ii. Fit-13 ta' Novembru, 2011 hallas deposit ta' €100.
    iii. Fit-28 ta' Dicembru, 2011 il-konvenut ircieva hlas ta' €1,400.
    iv. L-attur inghata garanzija ta' hames snin, li tibda mill-4 ta' Jannar, 2011.

v. Matul is-sena 2013 il-konvenut biddel it-tank minhabba li ssaddad u beda jqattar l-ilma.

vi. Xi zmien wara t-tank il-gdid rega' ssaddad ghalkemm din id-darba ma bediex iqattar l-ilma.

vii. L-attur ilmenta u fi skambju ta' emails li sar matul is-sajf tal-2014, inghata x'jifhem li t-tank kien ser jerga' jinbidel. Pero' eventwalment ma nqediex u ppropona kawza fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi. Fl-avviz l-attur qal: *"Xtrajna solar water heater minghand GDA li gie nstallat fl-4 ta' Jannar, 2012. Fis-sajf tal-2013 issaddad it-tank u dan gie mibdul mill-GDA. Inqas minn 9 xhur wara, jigifieri f'Mejju 2014, it-tank il-mibdul rega' ssaddad u gie it-technician qalilna li ser ighid lill-imghallem tieghu li hareg is-sadid u ha xi ritratti. Wara diversi telefonati u emails, f'Awissu is-sur Grech baghat email fejn qal li x-xoghol kellu jsir fi zmien gimgha, izda xorta baqa' ma gara xejn. Ghalhekk ressaqna ilment mal-MCCAA, izda l-GDA qalu li s-solar water heater m'ghadux taht garanzija. Is-Solar water heater kellu garanzija ta' 5 snin meta xtrajnieh. Ghalhekk ahna qed nitolbu li t-tank jigi mibdul"*.

viii. Il-konvenut wiegeb li:
- Hemm inkonsistenza fit-talba tal-attur ghaliex is-somma ta' €1,400 li tissemma fl-avviz hi l-valur tas-*solar water heater* u ma jirriflettix il-valur ta' dak li gie mitlub.
- L-attur naqas milli jipprova li huwa ssodisfa l-kriterji sabiex ikun jista' jitlob ir-riparazzjoni u/jew bdil taht il-garanzija. Fil-fatt hu naqas milli jipprova li s-*solar water heater* kien gie "serviced with the replacement of the sacrificial anode and fluid annually", kif dikjarat fil-garanzija.

5. Fit-twegiba l-attur qal li l-appell hu null ghaliex, *"…. it-talba kif maghmula ma tistax tintlaqa' stante il-fatt illi dina l-Onorabbli Qorti ma tistax taghti r-rimedju kif mitlub, u dana skont l-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Affariijet tal-Konsumatur, Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta"*. Il-konvenut talab lil din il-qorti sabiex tirrevoka s-sentenza u tordna li l-kawza terga' tinstema' mill-gdid u tiddeciedi l-kaz fil-meritu skont l-artikolu 22(4) tal-Kap. 378. Il-qorti ma tara xejn irregolari f'dak li talab l-appellant. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi michuda.

6. Hu minnu li l-ilment tal-attur fl-avviz tat-talba kien li t-tank issaddad u mhux li kien inghata tank li jahdem bl-ilma minflok biz-zejt. Hu minnu wkoll li meta xehed l-attur qal li hu kien xtara *solar water heater* li jimtela biz-zejt u li meta twahhal l-impjegat tal-konvenut, *"…. Beda jimla it-tank bl-ilma u mhux biz-zejt kif jiena kont qed nistenna u kif kont infurmat mis-sur Grech"*. Minn dak li xehed l-attur hu evidenti li f'dak l-istess zmien kien sar jaf li l-mudell li nghata li gie kkonsenjat ma kienx jimtela biz-zejt izda bl-ilma. Pero hu evidenti wkoll li ma kienx ilmenta u lanqas talab li jinbidel is-*solar water heater* minhabba li

ma kienx tal-kwalita pattwita. Ghall-qorti dan jista' jfisser biss li l-attur accetta dak it-tip ta' *solar water heater*. Hu veru li l-attur xehed, *"Jiena nixtieq illi t-tank jinbidel pero ma nixtieqx li jerga' jigrili l-istess u nixtieq ukoll ikun biz-zejt kif kien miftiehem originarjament"*. Pero' dak kien fid-29 ta' Mejju, 2015. L-attur ma jistax jippretendi li jinghata tank li jahdem biz-zejt, meta mill-provi jirrizulta li hu zamm u aghmel uzu mit-tank li jahdem bl-ilma. Tant l-attur accetta l-oggett li kien biss meta ttaqqab it-tank, skont l-attur sena u seba' xhur wara li twahhal il-*water solar heater*, li lmenta mal-konvenut. Hu ghalhekk evidenti li l-konvenut aghmel uzu mis-*solar water heater* minkejja li kien jaf li dak li nghata kien jimtela bl-ilma. L-istess jidher li gara meta t-tank inbidel, fis-sens li accetta dak l-istess tip ta' tank. F'dawk ic-cirkostanzi t-Tribunal zbalja meta kkundanna lill-konvenut li jaghti lill-attur tank li jahdem biz-zejt. Madankollu l-qorti mhijiex tal-fehma li ghandu jwassal ghan-nullita tas-sentenza. Wiehed irid jiftakar li min-natura taghha l-procedura quddiem it-Tribunal hi sommarja u nformali.

7. Fir-rikors tal-appell il-konvenut argumenta li japplika l-artikoli 1407(1) tal-Kodici Civili u l-artikoli 79(1) u 78 tal-Att dwar il-Konsumatur (Kap. 378). Disposizzjonijiet li ma japplikawx ghaliex l-attur kellu garanzija ta' hames snin. Ghalkemm fil-*Guarantee Form* jinghad li l-garanzija tibda mill-4 ta' Jannar, 2011, il-fatt jibqa' li s-*solar water heater* kien konsenjat u nstallat fil-bidu ta' Jannar, 2012. Tant hu hekk li r-ricevuta fiskali datata 28 ta' Novembru, 2011. Fil-Guarantee Form stess jinghad li, *"The solar water heater and installation …. Is guaranteed for a period of five years from the installation date. GDA will diagnose and repair or replace the defective component of the solar water heat at no cost to the customer"*.

8. Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, mill-korrispondenza jirrizulta li l-konvenut kien accetta li jirrimedja ghall-problema. F'dan ir-rigward il-konvenut baghat emails datati:

- **9 ta' Lulju, 2014** fejn gharraf lill-konvenut li t-technician kellu incident u talbu biex jistenna sakemm it-technician jirritorna lura ghax-xoghol. Kompla:

  *"Meantime, Patrick had informed me about your situation,* ***please rest assured that should it be necessary to replace the whole tank ecc we will not refrain from doing so, since we will honor our guarantees****. Meantime, to quicken the matter kindly send me a copy of the guarantee so that we can get the paper work ready and have the replacement ready so that no further time will be lost"*.

- 4 ta' Awissu, 2014 il-konvenut informa lill-attur:

  *"Dear John,*

> *First of all I would like to excuse myself for missing your previous email.*
>
> *Regarding, Patrick the technician he is due to return at work this Thursday (finally !!!).* ***At this stage I cannot promise you that the work will be carried out this week, but if not this week <u>we will surely do it in the next</u>****".*

9. Mill-email tal-4 ta' Awissu, 2014 hu car li l-konvenut kien accetta li jinbidel it-tank. Il-konvenut kien jaf x'inhi l-problema kemm ghaliex kien infurmat mill-impjegat tieghu (ara email tad-9 ta' Lulju, 2014), kif ukoll ghaliex b'email tat-3 ta' Lulju, 2014 l-attur kien infurmah u sahansitra baghatlu ritratti. Ma jirrizultax li meta l-attur ressaq l-ilment, il-konvenut qallu li t-tank kien issaddad ghaliex l-attur m'ghamilx il-manutenzjoni. Ladarba l-konvenut accetta r-responsabbilta', kellu obbligu li jirrimedja. Dan apparti li l-agir tal-konvenut turi nuqqas ta' serjeta' ghal dak li jirrigwarda *after sales service*.

10. Il-konvenut xehed li kien qal lill-atturi li kien importanti li, *"s-sacrifical node tinbidel kull sena… Konna anke tajna struzzjonijiet lis-sales persons taghna sabiex dejjem igibu dan a konjizzjoni ta' min ikun interessat fil-prodott"*. Kompla li kien talab, *"lis-Sinjuri de Giorgio jressqu prova illi s-solar water heater system in kwistjoni kienet qed tigi serviced ta' kull sena, kif titlob il-garanzija nfisha"*. Fil-garanzija jinghad li ma tapplikax f'kaz ta':

    > *"Damage, malfunction or degradation or performance* ***after failure to properly have the solar heater serviced with the replacement of the sacrificial anode and fluid annually done and confirmed in writing by the warrantor****".*

    Pero' dan l-argument qatt ma ssemma' fil-korrispondenza.

11. Il-konvenut argumenta:

    > *"Illi mill-provi prodotti in Prim'Istanza hareg bic-car illi l-hsara fit-tank hija r-rizulta dirett ta' nuqqas ta' servicing da parti tal-appellat. Kif spjega tajjeb l-esponenti appellanti waqt ix-xhieda tieghu, parti mis-servicing ta' kull sena jinkludi l-bdil tal-hekk imsejha sacrificial anode. Dik tikkonsisti f'rod u xogholha jkun illi tigi corroded hi, minflok ma jissaddad it-tank. Il-fatt illi t-ank tar-rikorrenti beda jissaddad u l-fatt illi r-rikorrenti ammetta illi s-sacrifical anode ma biddilha qatt diga' minnu nnifsu jindika illi s-sadid fit-tank huwa rizultat tal-fatt illi s-sacrifical anode ma nbidlitx u illi dan huwa ghalhekk kaz ta' nuqqas ta' servicing"*.

    Mill-provi rrizulta li t-tank kien inbidel l-ewwel darba matul is-sajf tal-2013. L-attur ipprezenta ritratti li fihom jidher it-tank miftuh, u bid-data tas-17 ta' Lulju, 2013. Inqas minn sena wara t-tank rega' ssaddad (ara email ta' Michelle Degiorgio tat-3 ta' Lulju, 2014 u wkoll ritratti datati 30 ta' Gunju, 2014). L-attur stess xehed li wara tmien xhur kien rega' hareg is-sadid. M'hemmx provi li juru li dak li qal l-attur mhuwiex minnu. Dan ifisser li ma kienx hemm ksur ta' wahda mill-kundizzjonijiet tal-garanzija, peress li f'inqas

minn sena t-tank il-gdid kien rega' ssaddad. Dan apparti li kieku l-hsara grat minhabba s-*sacrifical anode*, probabbilment l-konvenut kien mill-ewwel igharraf lill-attur li l-garanzija ma tkoprih minhabba li ma nbidlitx dik il-*component* u mhux jistenna sa Ottubru, 2014 (ara deposizzjoni ta' Michelle Degiorgio). Dan iktar u iktar meta jirrizulta li impjegati tal-konvenut kienu marru ghand il-konvenut u raw is-sadid fil-parti ta' barra tat-tank. Hu minnu wkoll li fir-rikors tal-appell il-konvenut argumenta li, *"... meta nbidel it-tank l-ewwel darba s-sacrifical anode (illi zmienha kienet diga' ghamlitu, u kif !) ma nbidlitx"*. Fatt li ma jirrizultax mill-provi. F'kull kaz jekk ghall-grazzja tal-argument biss, ma nbidlitx, il-konvenut hu xorta responsabbli ghaliex it-technician suppost ra f'liema stat kien is-*sacrifical anode* meta bidel it-tank, u ha hsieb li jibdlu.

**Ghal dawn il-motivi tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur tal-11 ta' Novembru, 2016 fis-sens li:**

1. **Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien tletin (30) gurnata mil-lum jikkonsenja u jinstalla tank gdid tal-istess tip li ghandu l-attur mal-*water solar heater* Weltech WCP-NTH.**

2. **Fin-nuqqas ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mitt ewro (€400) bhala valur tat-tank, bl-imghax jiddekorri mill-ghada li jiskadi l-imsemmi perjodu.**

**Spejjez tal-ewwel istanza huma a karigu tal-konvenut gialadarba l-kawza kellha ssir minhabba li l-konvenut naqas mill-obbligi tieghu kif spjegat hawn fuq.**

**Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 90% a karigu tal-konvenut u 10% a karigu tal-attur.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur